**KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM**

**GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL**

Minuti tal-erbgha u erbghin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar il-Gimgha, 23 ta' Settembru, 2011 fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sinjura Amanda Abela | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

   Is-Sindku spjega li ghat-talba tas-Sur Joe Camilleri minhabba ragunijiet personali, il-Kunsill qabel li l-laqgha ma ssirx ma l-aggornament tal-laqgha precidenti, u b'hekk qed issir illum.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Joe Camilleri – ma paragrafu 3 jizdied: Is-sur Joe Camilleri issuggerixxa li ghandu jsir sforz biex ic-Centru Civiku jkun inawgurat f'Gieh Ghajnsielem f'Dicembru.

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza u kommunikazzjonijiet mis-Sindku

   - TM – talbu biex Triq il-Merkanti titnehha 'one way' fl-ewwel parti biss peress li din kienet saret temporanja meta kienu qed isiru x-xogholijiet fit-Triq Mgarr. Il-Kunsill qabel ma dan.
   - Gbir ta' skart domestiku tal-Fondazzjoni Arka – il-KIP qed jissugerixxi li l-Kunsill ihallas 50% tal-ispiza biex isiru bins on wheels fir-residenza tal-Arka. Il- 50% ta' dan il-gbir ta' skart min dawn il-bins jammonta €1,104 fis-sena. Il-kunsill jaf li dan il-gbir mhux fir-responsabilta diretta tal-Kunsill u ghalhekk qabel li jirrispondi lis-Sur Bonnici biex jghaddi din l-proposta lir-Regjun t'Ghawdex peress li l-Arka hi uzata min Ghawdex kollu.
   - Xatt l-Ahmar – il-Kunsill ircieva t-Tracking Number mill-MEPA fuq l-applikazzjoni li ghamel fuq ix-Xatt l-Ahmar.

- Kompetizzjoni ghal-Presepji – qed titellgha mill-Miniteru ghal-Ghawdex. L-Avviz ser jitwahhal fuq in-notice boards tal-Kunsill.

- TM – Bollards fit-Triq Mgarr, quddiem il-bus Shelter. TM irrifjutat li johrog il-permess ghal- dawn il-bollards. Il-Kunsill qabel li jirrispondi din l-ittra biex isiru railing mat-tarf tal-bankina, ghas-sigurata ta' min ikun qed jistenna fil-bus shelter.

- Korsijiet ghat-Tielet Eta mill-Universita t'Ghawdex. Jitwahhal l-avviz fuq in-notice boards.

- Akwist t'Art fiz-Zewwieqa f'Ghajnsielem – il-gvern akkwista dawn l-artijiet. Il-pjanti u l-avviz ghandhom jitwahhlu fuq in-notice boards.

- Memo 89/2011 – attvitajiet b'risq il-Community Chest Fund. Is-sur Joe Camilleri issuggerixxa li ssir serata ta' kant u rectar mit-tfal t'Ghajnsielem fejn wara ssir gabra ta' donazzjoni ghal-Community Chest Fund. Il-pjan huwa li din is-serata tittellgha nhar it-18 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel li niktbu ittra lic-Centru Lauretana fejn nitolbu ghal-uzu tas-sala.

- Labra tal–Influenza – il-Kunsill qabel li jippartecipa f' din l-iskema u jordna t-tobba.

- Tender tar-reception desk – is-Sindku qal li nfethu t-tenders nhar is-7/08/2011 fejn kien hemm 2 tenders.

    - Mario Refalo – €5,980
    - Fino - €5, 520

  Il-Kunsill qabel li jghaddi dawn it-tenders ghand il-Perit Godwin Sultana, biex jiehu hsieb jevalwahom.

- Tender tal-Latrina ta' l-Imgarr – Is-Segretarju Ezekuttiv stiednet lis-Sur Carmelo Vella, li huwa l-unika wiehed li tefa' t-tender ghal-indafa u manutenzjoni ta' din il-Latrina, biex jiddiskuti mal-Kunsill u forsi jintlahaq kompromess bejniethom fuq l-ammont li inkiteb fuq it-Tender peress li l-Kunsill ra li t-tender mixhuta kienet gholja. Is-Sindku qal li peress li kien hemm tender wahda li nxtehtet, il-Kunsill iddecieda li jibghat ghas-sur Carmelo Vella biex jara jkunx jista jbaxxi mil-prezz li kien xehet. Fil-kaz li ma kienx jintlahaq kompromess il-Kunsill kien lest li jerghha johrog it-tender. Is-sur Vella waqt il-laghqa offra li kien lest li jinzel fil-prezz ghal 8000 euro u mhux izjed. Wara li s-Sur Vella

hareg mis-sala, saret diskussjoni bejn il-prezenti u qablu li dan il-prezz kien ragjenevoli u ghalhekk iddecieda li ghat-tlett snin li gejjin tinghata t-tender lis-Sur Carmelo Vella fuq il-prezz ta' €8,000 fis-sena.

- Attivita' mtella mill-Kunsill b'kollaborazzjoni ma' Ghajnsielem Football Club rigward Skema Sports – il-Kunsill qabel li jhallas l-ammont ta' €175 lil club tal-football ghal-ispjejjez tal-bbq li sar f'din l-attivita

- Memo 86/2011 – id-DLG stieden lis-Sindki, Kunsilliera, seg. Ezekuttivi, u staff tal-Kunsilli Lokali kollha f' Malta u Ghawdex biex jippartecipaw f'sessjoni t'anazli f'tahrig li ghandna bzonn. Id-Dipartment, flimkien mal-OPM ser iniedu analizi fis-sistema tal-Kunsilli Lokali, fejn wara johorg pjan ta' tahrig li jkun obligatorju ghal-membri kollha li jahdmu fil-qasam tal-Kunsilli Lokali. Ghal din is-sessjoni attendew is-Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Peter Caruana, u s-Sur Godwin Azzopardi.

- MEPA – is-Sindku qara xi *notifications u enforcements* li hargu mill-Mepa dan l-ahhar xahar f'Ghajnsielem.

- Is-Sindku nforma lill-perit Edward Scerri biex japplika DNO ghat tahmil tal-Wied ta' Simirat.

- Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv iltaqghu mad-Direttur tal-Joint Office l-Belt fejn idduskutew l-hlas tal-qbiela ta' Passi u biex din l-art tinghata lill-Kunsill.

- Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv attendew ghal seminar imtellgha mil-MEPA u MUESEC fil-Grand Hotel dwar in-noise pollution u l-iskart tal-WEEE.

- Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv, flimkien ma' Kunsill ohra Ghawdxin u l-Ministeru ghal Ghawdex, iffirmaw il-kuntratt mal-MAS tad-Day Care Centre tal-Anzjani.

- Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-perit Edward Scerri iltaghqu mal case officer tal-MEPA, s-sur Mark Cini fuq il-permess tan-Nature Trail tal-Wied ghal ta' Passi.

4. Pjazza Madonna ta' Loreto

Is-Sindku spjega li l-avukata tal-Ministeru ghal Ghawdex nizlet l-emendi taz-zewg partijiet, dak tal-Kunsill u dak ta' l-Arcipriet u baghtet il-kuntratt emendat lil-Kunsill u lil-Arcipriet. Fl-email, hija talbet ukoll ghal-kuntratti fejn juru t-titolu tal-Pjazza min ghand l-Arcipriet. Is-Sindku qal li l-avukata qaltlu li hija rciviet risposta min ghand l-Arcipriet fejn dan li l-kuntratti tal-pjazza jgibhom mieghu mal-iffirmar tal-kuntratt. L-avukata rrispondiet ghal darba fejn hija talbet li l-kuntratti tat-titolu tal-pjazza jkunu ghandha qabel ma jsir il-

kuntratt tal-pjazza halli hi tkun tista tivverifikahom. L-avukata ghada qed tistenna r-risposta ta' l-Arcipriet fuq dan.

5. Bethlehem f'Ghajnsielem

Fil-laqgha li l-Kunsill ghamel mal-Fondazzjoni gie deciz li tintbghat ittra lic-Chairman tal-MEPA fejn issir talba ghal-laqgha rigward Bethlehem f'Ghajnsielem ta' din is-sena. Ic-Chairman, is-sur Walker irrisponda u irrefera lil-Kunsill biex jaghmel kuntatt mas-Sur Lawrence Vassallo, li huwa l-laison officer fi hdan il-MEPA ma' l-ufficcju tal-Prim Ministru fejn ghandhom x'jaqsmu permessi mal-MEPA mil-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal ukoll li hu diga kellu kuntatt mal-ufficcju tal-Enforcement Section biex jigu jiccekkjaw li l-istrutturi kienu tnehhew. Il-Kunsill ghadu jistenna d-data proposta ghal din il-laqgha mas-sur Vassallo.

Waqt il-laqgha mal-Fondazzjoni rrizulta li l-fondazzjoni ghandhom idea gdida ghal-din is-sena. Huma jixtiequ li fl-ghalqa t'isfel tan-naha ta' Passi tigi kkonvertita fi speci ta' xmara zghira fejn tintuza anke dghajsa zghira li tkun titlaq minn naha t-isfel fejn hemm l-ghar tar-raghajja u twaslek sal-parti ta' fejn ikun hemm is-snajja. Il-Fondazzjoni qed tiehu inkonsiderazjoni wkoll jekk parti mill-Ghar jinbeniex taht l-art jew l-fuq mill-art. Gie deciz ukoll jekk hux possibli li s-soqfa tal-kmamar u ghar isiru minn materjal apposta taz-zingu bil-gablo bejnietu. Il-Kunsill qabel ma dan u gie deciz li napplikaw lill-MEPA ghal permess ta' DNO bhas-snin l-imghoddija kemm il-darba jaqa l-enforcement notice fuq ta' Passi.

6. Lokalitajiet Sostenibli

Is-Sindku qal li l-process li qed juzaw l-ADI Associates biex jinbena dan ir-rapport qed jintlaqa tajjeb hafna mir-Residenti t'Ghajnsielem. L-ADI organizzaw laqgha mal-Kunsill Lokali nhar it-13 ta' Settembru, fejn kienu prezenti is-Sindku, Peter Caruana u Larry Buttigieg. Is-Sur Joe Camilleri kien skuzat. Saret ukoll attivita ghal-pubbliku fis-Sala tal-Kazin tal-Banda, fejn l-attendenza mir-residenti kienet tajba hafna. Dan kien jawgura tajjeb kemm ghal-Kunsill Lokali kif ukoll ghal-kumpanija ADI. Dak in-nhar itellghet speci ta' wirja bir-ritratti u kummenti tan-nies fuq il-boards gewwa s-sala fejn rega nghata l-opportunita biex ir-residenti jkomplu jaghtu l-kummenti taghhom u jindikaw fuq il-boards l-aktar pritoritajiet li ghandom isiru l-ewwel fir-rahal. Is-Sindku qal li hu, kif ukoll il-Kunsillier Larry Buttigieg attendew ghal din il-wirja u hargu verament sodisfatti bil-kummenti tajba tan-nies favur l-Kunsill. Gie apprezzat ukoll mir-residenti li l-Kunsill tahom l-opportunita li jkunu involuti direttament fuq dan l-istudju fuq ir-rahal ghal 10 snin li gejjin. Is-Sindku qal li l-pass li jmiss hu li l-ADI ghandhom jibghatu d-Draft tar-rapport lill-Kunsill biex ikun jista janalizzah. Wara l-kumpanija ADI ser tghaddi r-rapport kollu lill-Kunsill sa l-ahhar t'Ottubru.

7. Attivita ghat-tqassim ta'premjijiet tat-tizjin tat-twieqi u ghal-isbah Presepju tas-sena 2010.

Is-Sindku spjega li l-premjijiet ghal dawn il-kompetizzjonijiet inxtraw mill-attivita li Dar Guseppa Debono ittellgha bhala Xmas in August. Hu qal li ghalkemm kien pjuttost ftit tard pero kienet taghmel sens ukoll li dawn jitqassmu ftit gimghat qabel il-Milied ta' din is-sena. Dan kien jaghmel aktar kuragg biex din is-sena jippartecipaw nies aktar ghal dawn il-kompetizzjonijiet. Gie deciz li t-tqassim tal-premjijiet ghandu jsir nhar il-laqgha tal-Kunsill f'Ottubru. Kulhadd qabel ma dan.

Kors ghal-bini tal-presepju – il-Kunsill qabel li ghal-din is-sena isir dan il-kors ukoll u jinhareg l-avviz ghar-residenti. Applikazzjonijiet ghal dan il-kors jibqew miftuha sat-tieni gimgha t'Ottubru u il-korsijiet jibdew dritt wara u jibdew isiru nhar ta' Gimgha fis-7.00 pm. sa l-ahhar ta' Novembru. Il-post jithabbar aktar tard.

8. Arriva

Wara laghqa li saret mar-raprezentant tat-Transport Malta, s-sur Ruben Said u l-perita Testaferrata De Noto gie kjarifikat li l-istudenti ta' sixth form, konservatorju u seminarju ser ikunu jistghu juzaw ir-rotta ta' l-Arriva, 303 jew 313. Studenti sekondarji ghandhom servizz iehor li ser ikun provdut mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni izda mhux ma l-Arriva. Is-Sur Ruben Said, mit-Transport Malta qabel mal-proposta tal-Kunsill li malli titlesta Triq l-Imgarr issir laqgha ohra biex issir diskussjoni ta' kif jista' jitkompla jitjieb is-servizz tal-Arriva f'Ghajnsielem. Prezenti ghal-laghqa kien hemm ukoll is-Sindku, il-Kunsillier, is-sur Joseph Camilleri u s-Segretarju Ezekuttiv.

9. Tberik ta'Annimali

Il-Kunsill qabel li jidhol f'kollaborazzjoni mal-Patrijiet ta' Sant' Antnin biex tigi organizzata attivita ta' Tberik ta' l-Annimali, nhar is-16 t'Ottubbru. Il-Kunsill ser jiehu hsieb il-pubblicita, fejn ser jitqassam avviz lill familji kolla, jiehu hsieb li jkun hemm ftit *entertainment* ghat-tfal, demonstrazzjoni mill-ERRC u l-iscouts idoqqu xi marcijiet.

10. Laqgha mas-Sindku il-gdid ta' Tolfa, Luigi Landi

Waqt il-laqgha, is-Sindku Landi wera x-xewqa li ssir zjara minn grupp minn Ghajnsielem f'Tolfa fil-bidu t'Awwissu li gej. Dak in-nhar issir attivita kbira ta' 3 ijiem fejn jittellghu stands ta' kull tip u l-grupp minn Ghajnsielem ikollu wkoll l-opportunita li jtellgha stand f' Tolfa bi prodotti u talenti minn Ghajnsielem. Il-Kunsill qabel li jalloka bejn 25 u 35 post lil-volontarjat li jahdem biex jittellgha Bethlehem f'Ghajnsielem biex jkun jaghmel parti minn dan il-grupp. Il-Kunsill biex jirreciproka din l-istedina offra lis-Sindku Landi biex ikun jista jistieden grupp ta' zaghzagh minn Tolfa biex jiccelebraw il-Festa tar-rahal taghna fl-ahhar gimgha ta' Awwissu 2012. Is-Sindku Landi accetta din il-proposta. Il-Kunsill qabbad lis-Segretarju Ezekuttiv biex tapplika ghal dan l-exchange mal-MEUSAC ghal fondi mil-Unjoni Ewropea.

11. Memo 87 – Skema Fondi Specjali

Il-Kunsill qabel li japplika taht din l-iskema biex jinbidel il-pavimentar tat-Tarag li jaghti ghal-Fuq l-Ghajn mill-Pjazza tad-Dehra.

12. Ghajn tal-Hasselin

Il-perit evalwa t-tenders tal-eskavazzjoni u konstruzzjoni ta' din l-Ghajn fejn ir-rapport tieghu jghid li l-irhas tender hi l-aktar wahda finanzjament kompetibli ghal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma l-opinjoni tal-Perit u ghazel dik ta' Jesmond Xuereb.

Is-Sindku spjega kif s-Segretarju Ezekuttiv ikkuntatjat arkeologu rrikomandat mis-Superintendece of Cultural Heritage, li huwa s-Sur Edward Calleja. Huwa ser ihejji laqgha mal-perit tal-Kunsill u l-kuntrattur tal-eskavazzjoni flimkien mas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv biex isir pjan ta kif ser isir ix-xoghol. Is-Sur Edward Calleja ser ikun jimmoneterja x-xoghol t'eskavazzjoni fejn dan ser ikun imhallas mil-Kunsill bis-sigha. Il-Kunsill qabel ma dan.

13. Materji ohra

Larry Buttigieg

- nitolbu li l-kaxxa li wahlu l-Enemalta mal-faccata tal-Kazin tal-Football ssir post iehor jekk hu possibli. Il-Kunsill qabel li jikkontatja lill-Engineera tad-dawl biex isir dan.
- Staqsa fuq il-kwistjoni tal-knis fil-pjazza – is-Sindku qal li hu kien staqsa lil-Neriku Cefai, ir-rapprezentant fuq it-tindif fil-Ministeru Ghawdex, ghaliex il-knis fil-pjazza waqaf u qallu wkoll jekk kienx hemm xi hadd mil-Kunsill li ta ordni lill-Ministeru biex jaghmel hekk. Is-sur Cefai rrisponda lis-Sindku li dan it-tindif kien waqaf ghaliex il-persuna li kienet inkarigata biex tnaddaf il-pjazza ghamel zmien marid, fejn wara din talab ghal transfer f'post iehor. Dan kien kollu u xejn izjed qal is-sur Neriku Cefai. Is-Sindku vverifika ukoll li hadd mill-ufficcju tal-Kunsill ma ta ordni lil-Ministeru biex dan il-knis jieqaf. Is-Sindku qal lil Vici Sindku li dak kien il-kaz li l-pjazza ma baqghetx titnaddaf u mhux kif qal hu li xi hadd mil-Kunsill kien cempel il-Ministeru biex il-pjazza ma titnaddafx. Is-Sindku ghal darba ohra staqsa lis-sur Stephen Mercieca biex jghid min kien mil-Kunsill li cempel il-Ministeru pero l-Vici Sindku baqa jsostni hekk u baqa ma qalx min kien li rraporta.

Stephen Mercieca

- Triq Provigarju Cassar – titranga ftit billi titwitta t-triq u titnaddaf - il-Kunsill qabel ma dan u ser jikkontatja lis-CMU biex ikun jista jsir dan peres li din it-triq ghada bit-torba.

- Triq Cordina – issir hadida mat-tarf tal-bankina. Il-Kunsill qabel li dan isir

- Triq Simerat – issir hadida mal-bankina tal-ewwel dar – il-Kunsill qabel ma dan.

Joe Camilleri

- Rapport fuq lokalitajiet sostenibbli – staqsa jekk il-kummenti tan-nies hux ser ikunu inkluzi fir-rapport. Is-Sindku spjega kif dan ir-rapport ser ikun mibni fuq il-kummenti u suggeriment tar-residenti.

- Bankina quddiem ic-Centru tal-Patrijiet fit-Triq Sant' Antnin – tintbaght l-sketch lil-TM peress li l-Patrijiet talbu ghal-Zebra Cross hemmhekk.

- Pots imkissra fuq il-Moll tal-Imgarr – is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li hija staqsiet mal-Maritime fejn irrizulta li huma m'humiex responsabli ghal-dawn il-pots. Gie deciz li nibghatu email lis-Sur Manuel Tabone, Direttur tat-Turizmu fil-Ministeru biex jindaga fuq dan.

- Bicycle stands wara l-knisja – nitolbu l-approvazzjoni ta' l-Arcipriet biex tehel stand ghal-bicycle fuq in-naha ta' wara tal-knisja.

- Triq il-Brieghen – staqsa x'ser isir biex ma jkunx hemm problema ta' l-ilma – is-Sindku spjega li t-triq ser titwitta b'materjal imhallat bit-tarmac li ghadu kif tqaxxar fi-Triq Mgarr.

- Locality Sign – nikbtku lil HSBC biex din is-sign tinbidel peress li l-kuluri tfew.

14 Customer Care

- Double yellow lines taht il-gallerija tal-Gleneagles – il-Kunsill qabel li jghaddi dan l-ilment lil-Perit Godwin Sultana fil-Ministeru li huwa nkarigat mill-Progett taz-Zewwieqa.

Il-laqgha ntemmet fit-5.30pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar l-Hamis 20 ta' Ottubru, 2011 fit-2.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Ezekuttiv